MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR MALTA

## GUDIKATUR DR. DEMICOLI AUDREY

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2002

Talba Numru. 714/2001/1

**Avviz Numru 714/01 AJD**
**Joseph u Sylvia konjugi Galea**

**vs**

**Isabelle Bellia u Bertold Galea**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-10 ta' Awissu 2001 fejn gie mitlub li l-konvenuti jigu kkundannati in solidum sabiex ihallsu lill-atturi s-somma ta' elf u hames mitt lira Maltin (Lm1,500.00) u dan wara li gie premess is-segwenti:
Illi z-zewg konvenuti kienu bhala gharajjes dehru in solidum fuq skrittura ta' konvenju datat 15 ta' Frar 2001 hekk kif jidher mid-dokument immarkat bhala Dok. A fejn intrabtu u obbligaw ruhhom li jakkwistaw propjeta' immobbli li kellha tkun id-dar matrimonjali taghhom.
Illi l-atturi sellfu liz-zewg konvenuti s-somma ta' tlett elef lira Maltin (Lm3,000.00) u dana billi hallsu s-somma lill-

vendituri li dehru fuq l-istess konvenju u cioe' certu Alexander u Josepha sive Joan konjugi Mizzi hekk kif jidher minn kopja ta' cheque annessa mal-Avviz u mmarkata bhala Dok. B.
Illi z-zewg konvenuti hasru l-gherusija ta' bejniethom u sussegwentement deheru fuq skrittura datata 25 ta' Mejju 2001 (Dok. C) fejn gie rexiss il-konvenju u z-zewg konvenuti rrinunzjaw ghalll-imsemmi depozitu ta' tlett elef lira Maltin.
Illi sussegwentement il-konvenut Bertold Galea hallas lill-atturi nofs is-somma ta' tlett elef lira Maltin (Lm3,000.00) u cioe' s-somma ta' elf u hames mitt lira Maltin (Lm1,500.00).
Bl-imghax kontra l-konvenuti mid-data tal-ittra nterpellatorja datata 19 ta' Lulju 2001 u bl-ispejjes kontra l-konvenuti, nkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju u dawk taz-zewg ittri nterpellatorji datati 19 ta' Lulju 2001 (Dok. D) u 26 ta' Lulju 2001 (Dok E).

Ra r-risposta prezentata mill-konvenuta Isabelle Bellia fejn hija eccepiet is-segwenti:
Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes stante li l-konvenuta qatt ma rceviet ebda flus taht ebda titolu minghand l-atturi.
Illi l-konvenuta m'hijiex debitrici tal-atturi ghall-ebda ammont.
Salv eccezzjonijiet ohra.

Ra r-risposta tal-konvenut Bertold Galea fejn huwa eccepixxa li m'ghandu jhallas ebda somma lill-atturi ghaliex huwa gja' hallas sehemu u cioe' s-somma ta' Lm1,500.00 mis-somma ta' tlett elef lira MAltin (lm3,000.00) li kien sellef l-attur lilu u lill-konvenuta Isabelle Bellia.
Ghalhekk sta ghalll-konvenuta Isabelle Bellia li thallas sehemha minn din is-somma illi hija rceviet bhala self minghand l-attur.

Sema' x-xhieda tal-attur, tal-konvenut Bertold Galea, tan-Nutar Bartolomeo Micallef, tal-konvenuta Isabelle Bellia u ta' Rose Bellia. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esibiti.

Sema’ t-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra:

Illi z-zewg konvenuti kienu gharajjes u ddecidew li jixtru appartament. L-attur, li huwa missier il-konvenut Bertold Galea, xehed li huwa u Frans Bellia, u cioe missier il-konvenuta Isabelle Bellia, kienu ftehemu li jaghtu ghajnuna finanzjarja lit-tfal taghhom sabiex jixtru l-post izda qal ukoll li sussegwentement dan tal-ahhar kien irtira din l-offerta ta’ ghajnuna finanzjarja. Iz-zewg konvenuti iffirmaw konvenju fil-15 ta’ Frar 2001 fejn huma obbligaw ruhhom in solidum li jakkwistaw b’titolu ta’ bejgh il-propjeta’ hemm imsemmija (dokument esibit a fol. 2 et seq.). Meta gie ffirmat il-konvenju thallas depozitu ta’ tlett elef lira Maltin (Lm3,000.00). Dan il-pagament gie effetwat permezz ta’ cheque mahrug mill-attur Joseph Galea. L-attur isostni li huwa kien ser isellef lill-konvenuti in solidum bejniethom l-ammont ta’ Lm10,000.00 sabiex ihallsu parti mill-prezz tad-dar u kienu ser jisselfu l-bilanc ta’ Lm20.000 mill-Bank. Dejjem skond l-attur id-depozitu ta’ Lm3,000.00 kien parti minn dan l-ammont li kien ser jigi misluf minnu lill-konvenuti. Huwa jghid ukoll li kien hareg ukoll Lm500.00 bhala spejjes konnessi mal-hrug ta’ insurance policy u spejjes ohra relatati mas-self li kienu ser jiehdu l-konvenuti mill-Bank of Valletta plc. Dawn il-Lm500.00 thallsu lura mill-konvenuta Isabelle Bellia. Il-ftehim mal-konvenuti, isostni l-attur kien fis-sens li huma kellhom ihallsuh lura s-somma ta’ Lm3,000.00 f’pagamenti rateali u minghajr imghax. L-attur isostni li ibnu, u cioe l-konvenut Bertold Galea hallsu lura s-somma ta’ Lm1,500.00 u li ghalhekk ghad jonqos li jithallas bilanc ta’ Lm1,500.00. L-gherusija bejn il-konvenuti thassret u fil-25 ta’ Mejju 2001 giet iffirmata skrittura fejn il-konvenju gie rexiz u fejn il-konvenuti rrinunzjaw ghad-depozitu ta’ Lm3,000.00 effetwata minnhom favur il-vendituri.

Illi l-konvenut Bertold Galea ikkonferma l-verzjoni moghtija mill-attur u sostna li huwa m’ghandu jaghti xejn aktar lill-atturi stante li huwa kien diga hallas sehemu, u cioe s-somma ta’ Lm1,500.00. Huwa esibixxa ktejjeb bl-ircevuti

rilaxxjati mill-attur in kwantu jirrigqarda l-pagamenti effetwati minnu ( a fol. 27).

Illi l-konvenuta min-naha l-ohra ssostni li dan l-ammont ta' Lm3,000.00 issellef mill-atturi lill-konvenut Bertold Galea u mhux lilha. Hija tghid li qabel ma raw il-fond li ddecidew li jixtru, l-konvenut kien ried jixtri vettura tal-marka Golf liema vettura kienet tiswa Lm10,000.00. Hija tghid ukoll li wara li raw il-flat hi u l-konvenut kienu marru d-dar tal-genituri taghha akkompanjati mill-attur u dan tal-ahhar kien talab lill-ibnu jaghzel jekk riedx l-Lm10,000.00 ghall-karozza jew inkella ghall-appartament. Dejjem skond il-konvenuta, Bertold Galea kien irrisponda li ried daw il-flus ghall-flat. Il-konvenut kien ftiehem ma' missieru li kien ser ihallsu lura f'ppagamenti rateali ta' Lm150.00 fix-xahar. Il-konvenuta isostni li hija ma kellha x'taqsam xejn mal-ghaxart elef lira Maltin, liema somma kienet ser tigi mislufa biss lill-konvenut. Hija fil-fatt tghid li ill-konvenut u hi kienu ftehemu li hija kellha thallas wehidha l-pagamenti tal-loan lill-Bank sakemm tithallas is-somma ta' Lm10,000.00 u sussegwentement hija u l-konvenut kienu ser ihallsu l-bilanc ta' Lm10,000.00 flimkien. Il-konvenuta tghid li dan id-diskors kollu sar id-dar tal-genituri taghha fil-presenza tal-attur u ta' missierha. Hija esibiet kopja tac-cheque tal-pagament ta' Lm600.00 li kienet hallset lill-attur fit-22 ta' Frar 2001 sabiex jinfetah 'joint account' rigwardanti l-loan. Fil-5 ta' Mar\u 2001 hija effetwat pagament iehor lill-attur fis-somma ta' Lm350.00 skond kif jirrizulta mid-dokumenti esibiti  a fol. 78 I u 79. Hija qalet ukoll li meta gie rexiz il-konvenju hija effetwat pagament fl-ammont ta' Lm130.00 lin-nutar Micallef u dawn l-ammonti qatt ma gew rifuzi lilha mill-attur. Hija tghid ukoll li l-konvenut kien hallas depozitu fuq il-karozza qabel ma sar il-konvenju u li eventwalment u sabiex ma jintilifx id-deposit, il-vettura nxtrat mill-attur.

Illi l-Artikolu 1089 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta jistabblilixxi li "Ma jitqiesx li hemm solidarjeta'. Jekk ma tkunx iddikjarata mill-ligi, ghandha tkun miftehma espressament." L-atturi u l-konvenut Bethold Galea jsostnu li s-solidarjeta' tirrizulta mill-provi prodotti minnhom fejn gie pruvat li kien hemm rikonnoxximent

tacitu ta' dan l-obbligu da parti ital-konvenuta Isabelle Bellia. It-Tribunal jixtieq jippuntwalizza li ghalkemm kien hemm solidarjeta' bejn il-konvenuti fl-obbligi asunti minnhom fil-konvenju tal-15 ta' Frar 2001, dan ma jfissirx li wkoll li kien hemm solidarjeta in kwantu jirrigwarda d-dejn mal-atturi. Il-konvenju tal-15 ta' Frar 2001 u s-self tal-ammont ta' ghaxart elef Lira Maltin (Lm10,000.00) huma zewg kuntratti separate u isegwi li l-obbligi naxxenti minnhom huma wkoll ben distinti. Il-fatt li t-tlett elef Lira Maltin (Lm3,000.00), bhala parti mill-ghaxart elef lira Maltin (Lm10,000.00), ntuzaw sabiex jithallas id-depozitu fuq il-konvenju ma jfissirx li l-abbligi assunti mill-konvenuti f'dan il-konvenju huma l-istess jew b'xi mod konnessi. Fil-fehma tat-Tribunal l-atturi ma rnexxilhomx jippruvaw li l-ammont ta' Lm3,000.00 gie misluf lill-konvenuti in solidum stante li ma ressqu ebda prova li tindika li s-solidarjeta' kienet miftehma espressament ai termini tal-Artikolu 1089 hawn fuq citat. Anzi, certu provi minnhom prodotti isahhu l-verzjoni tal-konvenuta Isabelle Bellia u cioe' dik fis-sens li l-ammont in kwistjoni gie misluf esklussivament u unikamwent mill-atturi lill-Berthold Galea. Fil-fatt jekk wiehed jara l-ircevuti rilaxxjati mill-atturi rigwardanti l-pagamenti akkont li huma jsostnu li saru mill-konvenut Berthold Galea anki ghan-nom ta' Isabelle Bellia (a fol. 27 tal-process), wiehed jinnota li dawn il-pagamenti saru fis-6 ta' Novembru 2000, 31 ta' Jannar 2001 u 2 ta' Frar 2001 u cioe' qabel id-data tal-konvenju li sar fil-15 ta' Frar 2001. Dan il-fatt jirrinforza l-verzjoni tal-konvenuta Bellia li qalwt li l-atturi kienu originarjament ser isellfu lill-Berthold Galea is-somma ta' ghaxart elef lira Maltin (Lm10,000.00) sabiex jixtri vettura tal-marka Golf izda sussegwentement, u cioe' meta l-konvenuti ddecidew li jixtru appartament, l-atturi imponew lill-konvenut li jaghzel iridx jutilizza dan l-ammont ghal vettura jew ghall-appartament.. Id-depozitu fuq il-vettura thallas fis-6 ta' Novembru 2000 skond ma jirrizulta minn Dok. SG1 u Dok. SG2, u kif diga' ntqal aktar il-fuq, l-konvenut effetwa l-ewwel pagament lill-atturi proprju f'din l-istess data. It-Tribunal ma jistax jifhem kif il-konvenut Bertold Galea beda jeffetwa pagamenti akkont tas-somma mislufa ghax-xiro tal-appartament qabel ma l-atturi effettivament hallsu d-depozitu fuq il-konvenju.

Illi t-Tribunal jirritjeni li l-atturi ma pruvawx li s-solidarjeta' bejn il-konvenuti giet miftehma espressament u inoltre fil-fehma tieghu il-verzjoni moghtija mill-konvenuta Bellia hija ferm aktar kredibbli u giet korroborata mill-provi l-ohra mressqa mill-partijiet. Jirrizulta ghalhekk li l-ammont in kwistjoni issellef biss lill-konvenut Bertold Galea u li kwalsiasi bilanc dovut ghandu jithallas mill-istess Bertold Galea.

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jichad it-talbiet attrici fil-konfronti tal-konvenuta Isabelle Bellia, jilqa' t-talbiet attrici fil-konfronti tal-konvenut Bertold Galea u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut Bertold Galea ihallas lill-atturi s-somma ta' elf u hames mitt lira Maltin (Lm1,500.00), bl-imghaxijiet legali pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' din l-istanza jithallsu in kwantu ghal nofs mill-atturi u nofs mill-konvenut Bertold Galea.

**Avukat Dr. Audrey J. Demicoli**
**Gudikatur.**